MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2461/2003

**Dingli Co International Limited bhala mandatrici tas-socjeta` Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Lorraine Camilleri**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal-hlas ta' Lm43.79 (tlieta u erbghin Lira Maltin u disa` u sebghin centezmu) dovuti ghal royalties.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fid-19 ta' Frar 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew upprezentati fid-9 ta' Dicembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------